ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 20** **IL-ĠIMGĦA 30 TA' AWWISSU 2013**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disgħa Kunsillier)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Jerome Caruana Cilia, Charles Farrugia, Margaret Mercieca, Antoine Saliba Haig u Sean Meli.

Il-Kunsillier Jason Busuttil u l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħrajn.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**20/01 SEJĦA TAL-OFFERTI: SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART GOFF**

Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li wara li kienet saret mozzjoni fis-seduta 18 biex il-kuntratt ma jiggeddidx u tinħareġ l-offerta mill-ġdid, peress li l-Kunsill ħass li kellhom jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt biex il-Kunsill inaqqas l-ispiza u fl-istess ħin ikun aktar effiċjenti fis-servizz tiegħu, din is-sejħa ġiet ppubblikata kif indikat fir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni hawn taħt:

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Awwissu 2013, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 7 ta' Awwissu, 2013 liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Awwissu 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit-16 ta' Awwissu 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u tal-Kunsilliera Charles Farrugia u Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva ħames (5) offerti;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Saviour Mifsud | €19,000 |
| 2. | Ronald Debono | €14,000 |
| 3. | Lino Micallef | €1.98/household |
| 4. | Christopher Vella | €19,897 |
| 5. | Dimbros Ltd | €14,380 |

Fis-16 ta' Awwissu 2013, il-Kunsill ircieva talba mill-kuntrattur numru 5 biex jara d-dokumenti tal-offerti sottomessi. Il-Kunsill aċċetta t-talba u l-kuntrattur mar jara d-dokumenti fil-prezenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u l-Kunsillier Sean Meli.

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Kunsilliera Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Sean Meli u l-Kunsillier Robert Cremona, kif imwaqqaf fis-Seduta numru 18 ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2013, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Fl-offerti fuq elenkati l-Bord ikkonferma li l-offerta numru 3 mhijiex *administrative compliant* peress li r-rata sottomessa mhijiex skont kif rikjest; filwaqt li l-offerta numru 4 wkoll ma kenitx *administrative compliant* peress li kellha nieqes id-dokumentazzjoni (e),(f),(g),(h). Peress li dawn kienu dokumenti li kellhom jiġu pprezentati mal-offerta b'mod obbligatorju kif jistipula artikolu 7 tal-l*specific Conditions of Contract and Specifications for the Collection of Bulky Refuse*, din l-offerta wkoll ġiet meqjusa bħala *non-administrative compliant*.

Id-dokumenti rikjesti kienu dawn:
*a) Form of Tender*
*b) Non-Collusive Tendering Certificate*
*c) Tender Guarantee (Bid-Bond)*
*d) Bill of Quantaties*
*e) Copy of Permit as Waste Carrier by MEPA*
*f) Copy of Valid Road licence*
*g) Copy of Insurance of vehicle*
*h) Vehicle Log Book displaying Euro 4 certification*

Fid-dawl ta' dan, il-Bord iddeċieda li l-offerenti Numru 3 (Lino Micallef) u Numru 4 (Christopher Vella) ġew skwalifikati. Il-Bord kompla billi iddeċieda li jagħmel intervisti lit-tlett offerenti l-oħrajn, liema intervisti saru nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Awwissu 2013. Fl-intervisti ġie ddeterminat dan li ġej:

**Ronald Debono o.b.o R & A Waste Services Ltd (2)**

Il-Bord saqsa lil kuntrattur jekk għandhux kuntratti oħrajn ma' Kunsilli Lokali ohrajn. Il-kuntrattur wiegeb li huwa fil-prezent m'ghandux kuntratti ta' gbir ta' skart goff ma' Kunsilli Lokali ohrajn, izda ghandu kuntratti ta' gbir ta' skart domestiku ma' numru ta' Kunsilli fosthom Hal Qormi stess. Il-Kuntrattur kompla li apparti l-vettura li tagħha ressaq id-dettalji u dokumenti huwa behsiebu li jekk jingħata l-offerta jixtri vann iehor bit-tail-lift. Gie mistoqsi f'liema ħinijiet huwa lest li jagħti s-servizz, u l-kuntrattur wiegeb li huwa lest li jagħti s-servizz fil-hin li jitlob il-Kunsill.

**Dimbros Ltd (5)**

Għal din il-kumpanija deher is-Sur Malcolm Dimech. Il-Bord saqsa lis-Sur Dimech kif ma nizzilx fil-lista tal-Kunsilli Lokali li magħhom għandu l-kuntratt tal-ġbir ta' skart goff, lill-Kunsill Lokali Ħal Qormi. Is-Sur Dimech wieġeb li huwa m'għandux kuntratt mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għaliex is-servizz li jagħti fil-kuntratt prezenti huwa jagħmlu permezz ta' *sub-contracting* mogħti lilu. Il-Bord saqsa lill-kuntrattur jekk huwiex fil-pjanijiet tieghu li dan il-kuntratt jekk jinghata lilu jigix sub-contracted. Il-kuntrattur ddikjara li jekk jinghata l-kuntratt huwa mhux ser jgħaddih b'*sub-contract* lill-kuntrattur iehor. Il-kuntrattur xtaq jikkumenta li huwa l-uniku kuntrattur minn dawk li tefgħu l-offerta li għandu kuntratt tal-istess servizz ma' Kunsilli Lokali oħrajn. Il-kuntrattur xtaq jirreġistra li jekk l-kuntratt mhux se jingħata lilu huwa kien ser jappella għall-fatt li għandu evidenza li membru tal-bord avviċina kuntrattur ieħor biex jitfa' l-offerta. Il-Bord irrimarka li l-offerta ġiet ippubblikata u saqsa lill-kuntrattur biex jissustanzja l-allegazzjoni li għadu kif għamel. Il-kuntrattur wieġeb li dan kien se jagħmlu meta jappella mid-deċizjoni jekk l-offerta ma tingħatax lilu.

Fid-dawl tal-allegazzjoni tas-Sur Dimech, is-Segretarju talab lill-membri tal-bord jiddikjaraw dwar jekk m'ghandhomx kunflitt ta' interess. Il-Membri tal-Bord kollha iddikjaraw li m'ghandhomx kunflitt ta' interess.

**Saviour Mifsud(1)**

Il-Bord għajjat lil dan il-kuntrattur izda dan il-kuntrattur ma attendiex għall-intervista.

**Evalwazzjoni**

Il-Bord innota li l-kuntrattur numru 2, għandu l-orħos offerta u l-offerta tiegħu kellha d-dokumentazzjoni kollha mitluba fl-istess offerta. Il-Bord xtaq jirreġistra li l-Bord iħoss li l-kuntrattur numru 5, fl-intervista tiegħu pprova jintimida lill-membri tal-Bord bl-allegazzjoni li għamel. Il-Bord kompla jinnota li l-kuntrattur numru 1, apparti li naqas milli jattendi

għall-intervista l-offerta tiegħu hija għandha l-għola valur mit-tlett offerti evalwati.

Finalment, il-Bord ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-orħos offerta li hija *technical* u *administrative compliant* li hija dik pprezentata mill-kuntrattur numru 2, *Ronald Debono o.b.o R & A Waste Services Ltd*.

**20/01/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni sabiex il-kuntratt jingħata lil kuntrattur numru 2, Ronald Debono obo R&A Waste Services Ltd peress li hija l-orħos offerta li hija *technical* u *administrative compliant*.

Il-Kunsillier Charles Farrugia issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disgħa** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**20/02** **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2013 fil-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-06:45 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)